**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 370/2016**

**HY u ZY**

**vs**

**GlobalCapital Financial Management Ltd.**

**(C30053)**

**Seduta tal-14 ta' Gunju 2017**

**L-Arbitru**

Ra l-ilment fejn l-ilmentaturi jghidu li kienu investew fl-*Aberdeen Global European High Yield Bond Fund* u fis-*Sociètè Gènèrale Adequity Best Select,* liema prodotti kienu gew mibjugha lilhom mill-provditur tas-servizz *de quo* bejn Settembru u Ottubru tas-sena 2007.

Huma jghidu li jhossuhom li gew 'ingannati' kemm fil-bidu nett, kif ukoll fit-tieni laqgha li kellhom u dan ghaliex gew imwieghda affarijiet li fil-verità ma kienux reali.

Jippretendu li tal-anqas jiehdu l-kapital li investew lura.

**Fir-risposta taghha l-provditur tas-servizz twiegeb hekk:**

**Tesponi bir-rispett:**

1. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, d-dikjarazzjoni tal-ilmentaturi illi, "*Jien inhoss li gejt ingannat kemm fil-bidu nett kif ukoll fit-tieni laqgha li kelli. Dan ghaliex gejt imwieghed affarijiet li fil-verità ma kienux reali*," minghajr ma lanqas biss jindikaw x'inhu l-"ingann" li qed jallegaw fil-konfront tas-socjetà intimata u

x'inhuma l-"*affarijiet imwieghda*" li qed jirreferu ghalihom, ma jfissirx car u sewwa l-oggett tal-ilment taghhom bil-konsegwenza illi l-ilment taghhom huwa manifestament frivolu u vessatorju; illi ghalhekk, filwaqt li qieghda tintavola din ir-risposta, is-socjetà intimata teccepixxi umilment u bir-rispett illi s-Sinjurija Tieghu l-Arbitru ghandu jirrifjuta li jezercita s-setghat tieghu taht l-Att Dwar l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji (Kap. 555) billi japplika d-dispost tal-Art. 21(2)(c) tal-istess Att;

2. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, t-talbiet tal-ilmentaturi in kwantu bbazati fuq responsabbiltà kontrattwali huma preskritti a tenur tal-Art. 2156 (f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, t-talbiet tal-ilmentaturi in kwantu bbazati fuq responsabbiltà extra kontrattwali huma preskritti a tenur tal-Art. 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, l-allegazzjoni tal-ilmentaturi fl-ilment taghhom illi s-socjetà intimata ingannathom kemm fil-bidu nett kif ukoll fit-tieni laqgha li kellhom ghaliex gew imwieghda affarijiet li fil-verità ma kienux reali (liema "*ingann*" u "*affarijiet imwieghda*" l-ilmentaturi ma jindikawx x'kienu – u ghalhekk dwar dan is-socjetà intimata tirrizerva illi tesponi ulterjorment fil-kaz li l-ilmentaturi jispjegaw b'mod car x'inhu l-"*ingann*" li qed jallegaw fil-konfront tas-socjetà intimata u liema huma dawk l-"*affarijiet imwieghda*" li qed jirreferu ghalihom) hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt;

5. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra t-talbiet tal-ilmentaturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu s-socjetà intimata mhux responsabbli ghal ebda telf jew dannu li setghu gew sofferti mill-ilmentaturi, la minhabba li gew imwieghda xi affarijiet li ma kienux reali u lanqas minhabba xi komportament iehor kif allegat fl-ilment taghhom u, ghalhekk, is-socjetà intimata ma ghandhiex tigi kkundannata thallas l-ebda ammont in linea ta' telf, dannu jew reintegrazzjoni lill-ilmentaturi u l-ilment tal-ilmentaturi ghandu jigi respint;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

   Bl-ispejjez li ghandhom jigu sopportati mill-ilmentaturi.

**Sema' x-xhieda,**

**Ra l-affidavit tal-provditur tas-servizz,**

**Ra n-nota ta' osservazzjonijiet tal-provditur tas-servizz,**

**Ra d-dokumenti kollha esebiti.**

**Jikkonsidra:**

Illi fl-ewwel eccezzjoni taghha l-provditur tas-servizz tghid li l-ilment huwa null ai termini tal-Artikolu 21(2)(c) tal-Kap. 555 fis-sens li hu 'frivolu u vessatorju.'

L-Arbitru huwa tal-fehma li, verament li l-ilment seta' sar ahjar, però jrid jigi accennat li meta l-legizlatur waqqaf l-Ufficcju tal-Arbitru, ghamilha cara li kien qed iwaqqaf dan il-forum sabiex ikun hemm Tribunal li jhares lejn is-sustanza aktar milli lejn il-forma tal-ilment. Dan jidher car mill-Artikolu 22(1) tal-Kap. 555 fejn il-legizlatur iddikjara li:

"*Persuna li tkun qed taghmel l-ilment ghandha tressaq ilment quddiem l-Arbitru* ***bil-miktub*** *fejn* ***tidentifika l-parti li kontriha jkun sar l-ilment, ir-ragunijiet ghall-ilment, u r-rimedju li jkun qed jintalab****.*"

Il-legizlatur ma stabbiliex xi forma rigoruza, tant li l-ilment jista' jsir b'semplici ittra, u peress li dan hu rimedju li qed jinghata lill-konsumatur, is-sustanza tal-ilment tiehu precedenza, u dan ghaliex kemm quddiem l-Arbitru u anke f'fora simili, anke f'gurisdizzjonijiet ohra, jikkontemplaw sitwazzjonijiet fejn il-konsumatur mhux bilfors irid ikun assistit minn persuna professjonali u, normalment, il-kaz jigi deciz fuq il-merti sostantivi tieghu u mhux fuq formalità zejda, li hafna drabi twassal ghall-ingustizzji.

L-ilment fih l-elementi kollha li trid il-ligi, u ghalkemm il-provditur tas-servizz qalet li tirriserva li titlob jigi spjegat ulterjorment kif gew 'ingannati' l-ilmentaturi, ma talbu l-ebda rimedju f'dan is-sens ulterjorment. Mir-risposta

jidher car li l-provditur tas-servizz fehmet x'riedu jghidu l-ilmentaturi u ghamlu kemm risposta u kemm nota ta' osservazzjonijiet estensivi, li jfisser li fehmu ezattament x'riedu jghidu l-ilmentaturi.

Waqt ix-xhieda tieghu, HY, spjega car x'ried jghid fl-ilment tant li l-provditur tas-servizz wegbitu fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha.

L-imentaturi jilmentaw li nbieghilhom prodott li ma kienx addattat ghalihom u ntqal lilhom li l-prodott ma kellux riskji gholja u li mal-maturità jiehdu flushom lura.

L-ilment jissodisfa l-vot tal-ligi u, ghalhekk, l-ewwel eccezzjoni qieghda tigi michuda.

**Eccezzjonijiet dwar preskrizzjoni**

Il-provditur tas-servizz jghid li l-ilment hu preskritt ai termini tal-Artikoli 2153 u 2156 (f) tal-Kodici Civili.

Il-provditur tas-servizz taghti l-eccezzjoni akkwiljana a bazi tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 u tghid biss li *"in kwantu li bbazati fuq responsabbiltà extra kuntrattwali huma preskritti."*

Fil-kaz odjern, il-provditur tas-servizz m'offrietx biss parir izda bieghet prodott finanzjarju, kif jirrizulta mix-xhieda kif ukoll mill-*File Note*[1], mill-*Purchase* ***Contract*** *Notes,*[2] ecc., u ghalhekk kien hemm rabta kuntrattwali bejn il-partijiet li finalment wasslet biex l-ilmentaturi inbieghilhom mill-provditur tas-servizz prodott finanzjarju.

Ghalhekk huwa evidenti li, jekk hemm xi preskrizzjoni, din trid tkun ibbazata fuq l-Artikolu 2156 (f) u mhux fuq l-Artikolu 2153.

Ghal dawn ir-ragunijiet din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Il-provditur tas-servizz taghti wkoll l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a bazi tal-Artikolu 2156 (f).

[1] A fol 14
[2] A fol 16 et seq

Dwar il-preskrizzjoni, kemm il-Kodici Civili kif ukoll il-gurisprudenza taghna, jaghmlu diversi kwalifiki peress li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, jekk tigi milqugha, jfisser li jieqaf l-ilment.

Meta tkellmu dwar il-preskrizzjoni, il-Qrati taghna, anke a bazi ghal dak li jipprovdi l-istess Kodici Civili, stabbilew parametri legali kif il-preskrizzjoni ghandha tigi interpretata u applikata, fosthom illi:

1. Min jallega l-preskrizzjoni jrid jippruvaha:

Kif inghad fis-sentenza moghtija fl-ismijiet '*Stencil Pave (Malta) Limited* vs Dr Maria Deguara noe,[3]

*"Hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici tista' tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka billi tmieri li ghadda z-zmien jew billi ggib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa' principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mharrka li trid tipprova li l-parti attrici ghaddielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq";*

2. Hu stabbilit fil-gurisprudenza illi min iqajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jehtieglu jipprova l-perkors taz-zmien statutorju.[4]

Sinjifikanti f'dan ir-rigward huwa dak li qalet **il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-4 ta' Dicembru 1987, fil-kawza "Causon vs Sheibani noe" illi:-**

***"Min jeccepixxi l-preskrizzjoni hu obbligat li jaghmel prova sodisfacenti tad-data meta l-perijodu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri ghaliex diversament il-Qorti qatt ma tkun f`posizzjoni li tikkonstata jekk il-perijodu applikabbli tal-preskrizzjoni jkunx iddekorra jew le."***

3. Il-perjodu tal-preskrizzjoni jibda jghodd minn meta min jipproponi kaz, ikun jista' jezercita dik l-azzjoni.

***Dan johrog car mill-Artikolu 2137 tal-Kap. 16 li jipprovdi li:***

[3] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-30 t'Ottubru 2003
[4] Holland noe vs Chetcuti , QA, – 25 ta' Frar 2000

***"Bla hsara ta' disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata; minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss."***

4. Huwa principju tad-dritt illi l-preskrizzjoni ghandha tinghata interpretazzjoni restrittiva, u ghalhekk jekk ikun jezisti dubju dwar l-applikabilità taz-zmien preskrittiv, dak id-dubju ghandu jmur kontra min jeccepixxi l-preskrizzjoni. [5]

Fid-dawl ta' dan kollu, l-Arbitru jrid jara jekk fil-kaz odjern, il-provditur tas-servizz irnexxilux jipprova l-preskrizzjoni.

L-uniku xhud li gabet il-provditur tas-servizz kien Michael Schembri, li ghamel affidavit[6] li ma gab l-ebda prova dwar il-preskrizzjoni.

Tghid biss li l-perjodu preskrittiv ghandu jibda jghodd mid-data ta' meta inbiegh il-prodott *Sociètè Gènèrale Adequity Best Select* fit-28 ta' Settembru 2007. Mhemm l-ebda prova ohra sostantiva u tinghata l-impressjoni li l-ilmentatur seta' jaghmel l-azzjoni (ai termini tal-Artikolu 2137) minn dik id-data.

L-Arbitru, qabel xejn, ghandu l-fehma li l-provditur tas-servizz kienet skarsa fil-provi li gabet rigward din l-eccezzjoni, u ma jaqbilx li d-data li minnha l-ilmentaturi setghu jaghmlu l-azzjoni hija l-istess data minn meta xtraw il-prodott.

Meta xi hadd jixtri prodott finanzjarju, l-ilmentatur ikun jista' jasal ghall-konkluzjoni li ma nghatax prodott tajjeb jew li ma nghatax l-informazzjoni kollha dwaru, (u ghalhekk ikun jista' jiehu azzjoni) normalment meta jinduna li l-prodott sejjer hazin.

Ghalhekk, il-kriterji li jissemmew fil-gurisprudenza kkwotata fin-nota ta' osservazzjonijiet, mhumiex relevanti ghal dan il-kaz. Li kieku l-ilmentaturi, l-ghada li jixtru prodott imorru jintavolaw ittra ufficjali biex jinterrompu l-preskrizzjoni, jew jaghmlu 'azzjoni', jigu akkuzati li qed jagixxu intempestivament u l-provditur tas-servizz ikollha ragun. F'kaz ta' ghoti ta' parir flimkien mal-bejgh ta' prodott finanzjarju, wiehed ikun jista' jiehu azzjoni meta

---

[5] *Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs Dismar Company Limited*, PA, 12/10/2004
[6] A fol 124 et seq

verament ikun hemm xi tip ta' certezza li dak il-prodott ma jkunx inbiegh kif suppost.

F'dan il-kaz, anke wara li beda niezel il-valur tal-prodott fl-2009, kienet il-provditur tas-servizz innifisha li qalet lill-ilmentatur sabiex jistenna biex jara x'ser ikun l-ezitu. Fil-fatt, l-ilmentatur xehed illi l-provditur tas-servizz dejjem qaltlu li sakemm il-valur jibqa' 60 fil-mija, meta jaghlaq wara s-sitt sena, huwa jiehu flusu lura.[7]

Ghalhekk, fuq din l-assikurazzjoni tal-provditur tas-servizz, l-ilmentatur kellu jistenna sakemm jimmatura l-prodott u, cioè, sas-sena 2013, ghax kellu l-weghda mill-provditur tas-servizz li f'dik id-data jiehu flusu lura.

F'dan is-settur, il-fatt li l-prodott kien niezel ma jfissirx li l-ilmentatur seta' jaghmel l-azzjoni minn dik id-data ghax il-valur ta' prodott jista' jinzel u joghla, u l-provditur baqghet twieghed lill-ilmentatur li anke meta kien sejjer hazin il-prodott, kienu qed jitkellmu 'ma' ta' barra' u inghata t-tama li kien ser jissolva kollox.

Fil-fatt l-ilmentatur xehed hekk:

*"Nghid li meta baghtu ghalija fit-2009, jien kont zammejt f'mohhi dak li kienu qaluli fil-bidu, li sakemm jibqa 60%, fis-sitt sena jien niehu l-kapital tieghi kollu lura. Ma jidhirlix li GlobalCapital fil-laqgha tat-2009, offrewli ninvestihom x'imkien iehor. Pjuttost tani x'nifhem li fiss sitt sena se jkun difficli li ma niehux flusi lura. L-imghaxijiet xorta kienu jibghatuhomli imma m'inix cert jekk hux biss 7%. Wara s-sitt sena baghtuli cekk biex kienu gew. Nghid fil-bidu meta investejt kelli fuq €14,000. Nikkonferma id-dokument a fol 19 li juri l-ammont li kont investejt u dok a fol 20 juri x'naghutli lura wara 6 snin, cekk b'ammont ta' €3922.25…li ma sarraftux u qed nitlob il-kapital li nvestejt….*[8]

*Jien nghid li l-Global kienu damu zmien twil biex jghiduli ezattament kif ser tinqata din il-kwistjoni. Ma nafx jekk qalulix li qed jistennew minn barra. Kull meta mmur kienu jghiduli li qed jiddiskutuha."*[9]

---

[7] A fol 84

[8] Ibid

[9] A fol 85

Minn dan kollu jidher li l-provditur tas-servizz kienet li qalet lill-ilmentatur biex jibqa' jistenna sakemm jimmatura l-prodott, u kienu jghidulu li qed jiddiskutuha. Ghalhekk, kieku ma halliex il-prodott jimmatura, kienu jakkuzawh b'intempestività. Galadarba kienet il-provditur tas-servizz stess li qalet lill-ilmentatur biex jistenna, issa l-istess provditur tas-servizz ma tistax tapprofitta ruhha u tghid li l-ilmentatur messu ha azzjoni qabel.

Ghalhekk, il-mument li l-ilmentaturi setghu jifthu l-azzjoni skont l-Artikolu 2137 tal-Kap. 16, u ghalhekk il-mument oggettiv li setghet tibda l-azzjoni, kien meta mmatura l-prodott *de quo* u, cioè, mis-sena 2013.

Minn dik is-sena sakemm l-ilmentaturi ressqu l-kaz quddiem l-Arbitru fl-20 ta' Lulju 2016, m'ghaddewx hames snin kif jipprovdi l-Artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16 u ghalhekk l-ilment mhux preskritt.

Barra minnhekk, il-provditur tas-servizz ma gabitx provi bizzejjed biex tiggustifika l-eccezzjoni dwar preskrizzjoni.

Ghalhekk din l-eccezzjoni qieghda wkoll tigi michuda.

Donnu li fir-risposta taht l-intestatura 'fatti', il-provditur tas-servizz tghid li kienet 'intermedjarju', però huwa car mill-assjem tal-provi li ngabu, li l-*GlobalCapital Financial Management Ltd.*, fis-servizz ta' bejgh ta' prodott lill-ilmentatur kienet qieghda tagixxi ta' principal u, ghalhekk, ir-relazzjoni guridika bejnha u bejn l-ilmentaturi ggorr ir-responsabbilità. Din ir-raffinezza ta' 'intermedjarju' qed titqajjem issa u l-ilmentaturi dejjem inghataw x'jifhmu, u dejjem iffirmaw dokumenti tal-*GlobalCapital Finanacial Management Ltd.,* u ta' hadd aktar.

Ma ngabet l-ebda prova mill-provditur tas-servizz li waqt li kien qed jinbiegh il-prodott xi hadd qalilhom li huma kienu qed jagixxu ta' 'intermedjarji', u li ma kellhomx x'jaqsmu minn dak li jigri mill-prodott ghaliex huma biss 'intermedjarji'.

Il-Kap. 555 jipprovdi li 'klijenti eligibbli', bhalma huma l-ilmentaturi, jistghu iressqu ilment quddiem l-Arbitru kontra 'provditur tas-servizzi finanzjarji' u, jekk l-ilment ikun gust, ekwu u ragonevoli, l-ilmentatur jista' jinghata kumpens. Fil-kuntest ta' bejgh ta' prodott finanzjarju bhal dan il-kaz, bizzejjed li l-provditur jikkwalifika bhala 'provditur tas-servizzi finanzjarji' biex jigi mistharreg mill-

Arbitru jekk l-ilment huwiex gustifikat jew le. U min jaghti dawn is-servizzi jkun qed jaghmel hekk bhala principal fil-konfront tal-ilmentatur u jrid igorr ir-responsabbiltà tal-prodott li jkun qed ibiegh sakemm ma jgibx prova cara li saret xi spjega dettaljata lill-ilmentatur li seta' jifhem il-limitazzjoni tar-responsabbiltà tal-provditur tas-servizz, haga li f'dan il-kaz ma ngabitx.

L-Arbitru jrid jiddeciedi l-kaz fuq ***il-merti sostantivi tieghu*** kif jipprovdi l-Kap. 555.

**Fil-MERTU**

**Preliminari**

Ghalkemm l-ilmentaturi jsemmu fl-ilment taghhom kemm l-*Aberdeen Global European High Yield Bond Fund (B2) u s-Société Générale Adequity Best Select* bhala l-investimenti li qed iressqu l-ilment taghhom dwarhom, il-kaz li jrid jiddeciedi l-Arbitru huwa limitatament ghas-*Société Générale Adequity Best Select*.

Dan ghaliex, mid-dokumentazzjoni pprovduta, l-ilmentaturi ghamlu qligh meta bieghu l-investiment taghhom fl-*Aberdeen*. Skont il-*Purchase Contract Note* tal-*Aberdeen Global European High Yield Bond Fund (B2),* l-ilmentaturi kienu xtraw 1080.045 *unit* fit-3 ta' Gunju 2002, (fol. 16), bil-prezz ta' €8.24. Bieghu il-fond fit-28 ta' Settembru 2007, (fol. 17), bil-prezz ta' €13.16. Ghamlu qligh ta' madwar €5,300.

Mir-rikavat ta' €14,213, li ircevew, is-somma ta' €13,332, (il-konsiderazzjoni, li tinkludi kummissjoni pagabbli), giet investita fis-*Société Générale Adequity Best Select*.

**Il-Prodott mibjugh**

Dan huwa prodott *index-linked* u, ghalhekk, mhux investiment bhal xi *fund,* fejn il-valur tal-investiment huwa essenzjalment rifless mill-valur tal-investiment li l-fond jinvesti fihom (*underlying assets*).

Dan kien strutturat b'tali mod li jimmatura f'data partikolari, u li kemm ihallas mal-maturità huwa bbazat fuq metodu matematiku li jikkalkula kif imur basket ta' investimenti partikolari, skont kif hemm spjegat fid-dokumentazzjoni tal-

prodott. Kellu *feature* li jhallas "imghax" ta' mill-inqas 7% fl-ewwel u t-tieni sena. Fil-kumplament tieghu (mit-tielet sas-sitt sena), "l-imghax" kien varjabbli.

Il-prodott kien kompost minn xi 30 *share* f'banek u kumpaniji internazzjonali madwar l-Ewropa, l-Istati Uniti u l-Gappun. Kull sena, ghall-perjodu tal-investiment, il-hames kumpaniji, li l-*performance* taghhom tkun l-ahjar, kienu jitnehhew mill-basket tal-investimenti.

Effettivament, dan kien ifisser li kull sena dejjem kienu jithallew ishma li l-*performance* taghhom ma kienitx tkun l-ahjar imqabbla ma' tal-ohrajn.

F'pagna 2 tal-*Product Brochure* (a fol 86 sa 97) wiehed isib deskrizzjoni ta' kif jahdem il-prodott. F'pagni 3, 4 u 5, id-dokument jittanta jispjega l-mekkanizmu ta' kif jahdem. Ghalkemm il-mekkanizmu huwa llustrat, mhux facli biex tifhmu ghaliex ghandek *scenarios* differenti ta' x'jista' jigri fis-sitt snin ta' hajja tal-prodott.

Dwar il-hlas tal-kapital mal-maturità, f'pagna 2 (a fol 87) hemm miktub hekk:

"*As soon as the redemption mechanism is triggered, the product is terminated and the investor is paid back. The investor will therefore receive 100% of the capital initially invested plus the maximum between ........"*.

Dan huwa *statement misleading* ghax, kif fil-fatt jispjega aktar tard l-istess dokument, seta' kien hemm cirkostanzi li ma jwasslux biex il-prodott ihallas il-kapital kollu lura.

Il-*File Note* (a fol 127) kkumpilata mis-Socjetà Konvenuta (ara paragrafu 4b) jaghmel referenza ghall-fatt li l-prodott mhux garantit. Imma dan l-i*statement* huwa mitluf qalb spjega teknika ghall-ahhar li tittanta taghti taghrif ta' kif jahdem il-prodott.

Dan ma kienx prodott finanzjarju li seta' jinftiehem facilment minn *retail client* b'attitudni ta' riskju *cautious*. Huwa veru li d-dokumentazzjoni (cioè, il-*brochure*) jaghti spjega tal-mekkanizmu tal-investiment, sahansitra anke kien hemm illustrazzjoni ta' tliet xenarji differenti li jippruvaw jispjegaw kif seta' jahdem l-investiment fuq il-medda ta' sitt snin li kellu jaghmel il-prodott.

Però, ironikament, dawn l-ispjegi u l-illustrazzjonijiet urew bic-car il-kumplessità ta' dan il-prodott. Apparti l-uzu ta' matematika teknika li wiehed kellu juza biex

jipprova jasal ghal kalkoli ta' kemm jista' jhallas l-investiment, intuza wkoll lingwagg ikkumplikat li kienet taghmilha difficli ghall-investitur biex jifhem mill-ewwel, mhux biss kif jahdem il-prodott imma wkoll, forsi aktar importanti, tal-possibiltà li l-prodott ma jhallasx lura l-kapital kollu mal-maturità.

Dan kien investiment ikkumplikat fil-veru sens tal-kelma. Kien ukoll prodott b'potenzjal kbir ta' riskju avolja fil-*File Note* (a fol 127), is-Socjetà Konvenuta ippruvat taghti x'tifhem li l-investiment kellu "*a limited risk*".[10] Il-profil ta' riskju tal-investituri kien tali li dan il-prodott ma kienx jaghmlu adatt ghac-cirkostanzi taghhom.

**L-Ilmentaturi u kif inbiegh il-prodott**

L-ilmentatur, HY, xehed quddiem l-Arbitru li huwa kien jahdem id-*Dry Docks* bhala *Stager Slinger,* xoghol manwali. Mar biss skola primarja u bilkemm jaf jaqra u jikteb, u bl-Ingliz ftit li xejn jifhem, *"wahda kultant"*.

Fil-*Confidential File Note* [11] ikkumpilata mill-provditur tas-servizz, huwa deskritt bhala '*pensioner ex-Malta Drydocks*' u l-mara deskritta bhala '*housewife.*'

Jghid li fl-investimenti ma jifhimx u, "*Dan il-prodott lanqas biss kont naf x'jismu.*"[12]

Dwar dak li ntqal lilu waqt li kien ser jinvesti - li hu l-mument krucjali biex l-Arbitru jkun jista' jara jekk il-prodott giex deskritt sew u x'intqal dwar riskju - l-ilmentatur jghid li lilu kienu qalulu li ma kienx fih riskju; u l-ewwel darba li semmewlu r-riskju kien meta mar il-*Branch* tal-Fgura jilmenta li l-prodott ma kienx sejjer tajjeb:

*"Jien nghid li lili ma qalulix qabel investejt li kien hemm riskju daqshekk kbir. Jien meta mar hazin beda jispjegali li l-kapital ma kienx garantit u ghidtlu li 'Kieku ghidtli qabel ma kontx ninvesti'. Qaluli li jekk il-valur jibqa' 60% kien ifisser li wara sitt snin niehu flusi kollha lura."*[13]

---

[10] It-tieni paragrafu tal-*File Note* (a fol 127) jibda b'din is-sentenza: *Clients has 13,332 to invest in a product aiming at generating income that can benefit from the upside potential of the equity markets coupled with a limited risk profile".*

[11] A fol 131

[12] A fol 83

[13] Ibid

Mistoqsi mill-Arbitru ghaliex ma kienx poggihom f'kont bankarju jew *stocks* tal-Gvern wiegeb li, "*Ghalija tal-Global kien qishom bank.*"[14]

Jghid ukoll li l-flus kienu fl-*Aberdeen* u kienu tal-*Global* li qalulu biex jinvesti fil-prodott li qed jaghmel l-ilment dwaru.[15]

U anke meta kien hemm il-problemi baqghu jittamawh sal-ahhar billi kienu jghidulu li kienu '"*qed jiddiskutuha*".[16]

L-uniku xhud li gab il-provditur tas-servizz kien Michael Schembri, li permezz tal-affidavit tieghu, ma setax jikkontradixxi din ix-xhieda ghaliex hu ma kienx involut f'din it-tranzazzjoni.

U l-Arbitru m'ghandux ghalfejn ma jemminx il-verzjoni li ta l-ilmentatur.

**Konkluzjoni**

Minn dan kollu johrog car li l-prodott li kien qed jinbiegh lill-ilmentaturi kien prodott kumpless u difficli tifhmu; u nbiegh b'assikurazzjoni li meta jimmatura, l-ilmentaturi jiehdu flushom lura, ghalkemm wara l-ewwel sentejn l-imghax seta' jvarja.

L-ilmentaturi kienu pensjonanti meta ghamlu dan l-investiment u b'edukazzjoni limitata li lanqas biss setghu jifhmu d-dokumenti li ffirmaw u li l-ilmentatur xehed li ghalkemm iffirmaw dawk id-dokumenti:

"*Qed nigi muri dokument mill-Arbitru a fol 14 tal-process li hija l-File Note. Dawn iz-zewg firem huma tieghi u tal-mara tieghi. Nghid li xi affarijiet qalli imma mhux dan l-ammont kollu li hemm fih.*"[17]

Tajjeb li jinghad li f'dan il-qasam tal-investimenti finanzjarji ghandek provditur tas-servizz b'tahrig tekniku fuq naha, u f'dan il-kaz, zewg persuni pensjonanti bi ftit skola u li ma kienux jifhmu fl-investimenti; li kienu suggetti ghal dak li jghidilhom min huma kienu jqisu li jifhem aktar minnhom. Kien hemm relazzjoni fiducjarja u letteralment l-ilmentaturi kien minghalihom - b'mod genwin - li qed jiddiljaw ma' "*bank*" li kien ser jiehu hsieb flushom.

[14] A fol 84
[15] A fol 85
[16] Ibid
[17] A fol 84

Minn dak li ntqal aktar 'il fuq jirrizulta li l-ilmentaturi kienu ghamluha cara li ma kienux iridu prodott riskjuz, tant li anke fil-*File Note* hemm imnizzel li r-riskju li riedu jiehdu kien wiehed kawt. Il-prodott kellu riskju gholi u mhux kif qed tallega l-provditur tas-servizz li ma kienx. Jekk wiehed ihares lejn fhiex kienu nvestew qabel l-ilmentaturi, jidher car li ma kienux midhla tad-dinja tal-investimenti kif qed tghid il-provditur tas-servizz; u l-ilmentaturi imxew fuq il-pariri li nghataw mill-provditur tas-servizz; hemm x'hemm imnizzel fid-dokumenti.

L-Arbitru m'ghandux dubju li l-ilmentaturi ffirmaw fejn qalulhom, u jekk wiehed jifli d-dokumenti, jara li hafna minnhom huma bi kliem zghar li bilkemm jinqraw u huma teknici, li nies bhall-ilmentaturi ma setghux jifhmuhom. Ghalhekk iffirmaw, mhux ghaliex kienu traskurati ghad-drittijiet taghhom, imma ghaliex kienu taw il-fiducja shiha lill-provditur tas-servizz li hadet vantagg minnha. Ghalhekk, huwa ingust li l-provditur tas-servizz tipprova taqbad ma' dawn id-dokumenti biex tezonera ruhha.

Ghar-ragunjiet moghtija aktar 'il fuq, jirrizulta li dan hu kaz ta' *misselling* ta' prodott finanzjarju fejn il-provditur tas-servizz m'osservatx l-obbligi kuntrattwali taghha: li tipprovdi prodott idoneju ghall-aspettattivi tal-ilmentaturi ta' *income* fuqu, aktar milli tkabbir tal-kapital; li jaqbel mal-livell tar-riskju li riedu jiehdu.

Fl-ezekuzzjoni tar-rabta kuntrattwali li titwieled minn bejgh ta' prodott finanzjarju, il-provdituri tas-servizz naqsu wkoll mill-obbligi fiducjarji taghhom u ma agixxewx ta' missier tajjeb tal-familja.

Mill-assjem ta' dak kollu li ntqal aktar 'il fuq f'din id-decizjoni, l-Arbitru hu tal-fehma li l-ilment huwa wiehed gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u l-merti sostantivi tal-kaz.

Jidher li l-ilmentaturi kienu investew l-ammont ta' €13,200, u ircevew bhala kupuni l-ammonti ta' €785.40, €785.40, €626.69, €381.85 u €273.93: b'kollox €2,853.27; kif ukoll irkupraw mill-investiment is-somma ta' €3,922.25, u b'hekk jigi tilfu s-somma ta' €6,424.48.

Ghalhekk, l-Arbitru qed jichad l-eccezzjonijiet tal-provditur tas-servizz u jilqa' l-ilment sakemm dan hu kompatibbli ma' din id-decizjoni u, ai termini tal-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-Kap. 555, jordna lil *GlobalCapital Financial Management Ltd.* thallas lill-ilmentaturi s-somma ta' sitt elef, erba' mija

u erbgha u ghoxrin ewro u tmienja u erbghin centezmu (€6,424.48), b'imghax legali ta' tmienja fil-mija fis-sena mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dan il-kaz ghandhom ikunu sapportati mill-provditur tas-servizz.

Dr Reno Borg
Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji